A.L. 181 ta' l-1995

ATT TA' L-1993 DWAR SANZJONIJIET TAL-KUNSILL TAS-SIGUREZZA TAN-NAZZJONIJIET UNITI (ATT NRU. XX TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika ta' Bosnia u Herzegovina

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 3 ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika ta' Bosnia u Herzegovina, u għandhom jinqraw u jinftehmu bhala haġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika ta' Bosnia u Herzegovina, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 1 ta' l-1995.

Iżid ir-regolament 10 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:—

"Ordni ta' sospensjoni.

10. Il-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jiddikjara li xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu sospiżi għal dak iż-żmien li jista' jiġi hekk dikjarat f'dak l-avviż jew indefinittivament, u kull dispożizzjoni li tkun ġiet hekk sospiża għandha għaż-żmien ta' dik is-sospensjoni titqies bhala li ma għandha ebda sehh. Il-Prim Ministru jista' jagħmel dik is-sospensjoni bla ħsara għal kull kondizzjoni u jista' wkoll b'avviż ineħħi dik is-sospensjoni jew kondizzjoni kull meta dik is-sospensjoni jew kondizzjoni ma tkunx aktar meħtieġa.".